Fit-Tribunal Industrijali

Fit-Tilwima tax-Xoghol
numru 2179
bejn:

Korporazzjoni Enemalta
u
l-Enemalta Professionals Officers Union

Dwar nuqqas ta' qbil dwar il-Ftehim Kollettiv il-gdid.

Illum, ta' 2006.

Decizjoni numru:

Chairman: Dr Joseph P. Bonnici, LL.D.
Membri: John Falzon
Edmund Tabone.

**INTRODUZZJONI**

Illi permezz ta' ittra datata 11 ta' Marzu 2004, il-Korporazzjoni Enemalta kitbet lill-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali sabiex jirrimetti l-pendenza li kellhu mall-Enemalta Professionals Officials Union (EPOU) quddiem it-Tribunal Industrijali peress illi ma kienx intlahaq ftehim dwar in-negozjati ghar-renova tal-Ftehim Kollettiv ghall-

Inginiera ghall-perjodu tas-snin elfejn u tnejn (2002) u elfejn u hamsa (2005).

**FATTI TAL-KAZ**

Illi l-partijiet ta' din it-tilwima ma qablux essenzjalment fuq tlett (3) punti li kellhom jigu nkluzi fil-Ftehim Kollettiv, ossia l-ewwel l-pagi tal-inginiera, it-tieni t-talba ghal hlas ta' overtime u t-tielet l-call allowance ghall-inginiera ta' Ghawdex.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Jibda biex jinghad ab initio illi qieghda donnha issir konswetudini fl-ambjent industrijali lokali illi, b'mod regolari li jirrikorru ghal dan it-Tribunal meta ma jkunx hemm qbil fuq pattijiet li ghandhom jigu nkluzi fi Ftehim Kollettiv. Ftehim Kollettiv per natura tieghu ghandhu jkun ftehim illi jintlahaq bil-volonta u l-kunsens tal-partijiet. Ma hemm'x lok u ma ghandhux ikun lok illi fi ftehim kollettiv ikun hemm imposizzjoni da parti ta' terzi. Terza persuna jew estranea ghall-istess ambjent industrijali fuq il-post tax-xoghol ma ghandhiex locus. Una volta illi parti qed tirrikorri quddiem dan it-Tribunal meta jkun hemm nuqqas ta' qbil jaghti lok illi ma jkunx hemm zvilupp salutevoli fil-ambjent industrijali kif dejjem kien hawn lokalment bejn min ihaddem u bejn min jahdem tramite r-rapprezentanti rispettivi taghhom. Qed tigi mehuda t-triq il-qasira u ssir rikorrenza quddiem dan it-Tribunal aktar u aktar meta r-rikorrenza ta' dan it-Tribunal fid-dritt nostrali huwa wiehed forzat. Ghandu jkun fl-interess ta' kull parti interessata fid-dinja industrijali li r-rikorrenza lejn dan it-

Tribunal ma ssirx f'dawn l-ambjenti. Pero` qed jigi nnotat u ghalhekk qed jigi rilevat illi, din ir-rikorrenza qed tkun spiss u donna qieghda tigi mehuda bhal regola fejn il-parti ma taqbilx u allura jigi nvokat rikors minn dan it-Tribunal Industrijali biex il-pendenza tigi maqtugha minnu.

Kaz simili allura ma jaghtix lok illi l-parti kontraenti tkun dahlet ghall-kuntratt, li wara kollox hekk hu, ftehim kollettiv b'mod naturali u b'mod liberu. Izda ssib ruhha rinfaccjata b'posizzjoni mehuda quddiem dan l-istess Tribunal peress illi ma jkunx intlahaq ftehim. Din l-attitudini u konswetudini ghandha tigi stronkata immedjatament anki jekk ikun il-kaz b'xi ntervent legislattiv biex l-izvilupp naturali fil-kamp industrijali jibqa' ghaddej kif dejjem sar matul dawn is-snin kollha. Jinghad ukoll illi jekk parti b'arma bhal din f'idejha ikun aktar facli ghaliha illi flok tipprova tasal fi ftehim tista taghmel talbiet li ma humiex idonei ghal post tax-xoghol lil parti l-ohra u tiehu quddiem u tisforza Tribunal, biex it-Tribunal jaqtaha hu minflok ikun hemm sforz ta ftehim.

Xoghol it-Tribunal huwa li jinterpreta u japplika t-termini tal-Ftehim Kollettiv f'kaz ta' nuqqas ta' qbil. M'ghandu jkun qatt sostitut ghar-rieda tal-partijiet. Lanqas ma ghandu l-istruttura u organizzazzjoni biex jaghmel dan. Il-posizzjoni f'tali ambjenti zgur li tkun nociva ghal thaddi u zvilupp ta' l-ambjent lavorattiv fuq il-post tax-xoghol u jista' jaghti lok illi ma tirrenjax dik is-serenita` ndustrijali tant necessarja sia fl-interess ta' min ihaddem minhabba l-investiment tieghu u sia ghal min jahdem fl-interess tieghu sabiex jaqla l-ghexien tieghu.

Ghandu jigi rilevat ukoll f'dan l-istadju illi din il-pendenza odjerna tirrisali ghal ftehim kollettiv applikabbli ghall-perjodu sena elfejn u tnejn (2002) u s-sena elfejn u hamsa (2005). Dan ifisser llum l-ftehim li ghandhu jigi risolt propjament japplika ghal zmien li diga ghaddha. Jibda allura wkoll process gdid biex jigi negozjat ftehim iehor ghal-periodu sussegwenti li jibda japplika mis-sena vigenti. Dana juri kif gia inghad aktar il fuq illi ghandha tezisti certa komprensjoni w accettazzjoni tal-fatti reali kif jissuccjedu izda mhux biss fuq il-post tax-xoghol izda anki fuq skala nazzjonali.

Jigi rilevat ukoll illi t-tilwima prezenti tikkoncerna element essenzjali ta' l-ekonomija Maltija ossia l-Enemalta li hija l-unika fornitur Malta tal-provvisti tal-energija - elettriku u gas li minghajrhom il-pajjiz ma jistax jimxi l-quddiem. Min-naha l-ohra hemm l-ghaqda ta' l-inginiera li huma parti essenzjalissima tal-istess organizzazzjoni fl-Enemalta u li minghajrhom zgur li ma tistax tithaddem l-istess korporazzjoni. Rinfaccjat b'tali sitwazzjoni l-Gvern in vista tal-investimenti li ghandhu f'diveri organizzazzjonijiet, korporazzjonijiet u kumpaniji ta' natura nazzjonali u strategika, stabbilixxa u waqqaf il-"Collective Bargaining Unit" (CBU) biex imexxi l-negozjati meta dawk il-kumpaniji u korporazzjonijiet li fih il-Gvern ghandhu nvestiment dirett tiehu hsieb n-negozjar ta' kull kwistjoni li tistgha tinqala mill-att industrijali, nkluz il-konkluzzjoni ta' ftehim kollettiv. Il-kaz odjern ma kienx wiehed eccezzjonali u di fatti c-CBU intervjena u haseb f'tali negozjati. Ma sarx qbil u allura l-istess Enemalta in vista li kienet qed tigi mheddha li jistghu jittiehdu xi azzjonijiet

industrijali li setghu iwaqqfu l-provvista tal-energija rriferew il-kaz taghhom lil dan it-Tribunal Industrijali.

L-istess Tribunal odjern huwa marbut bil-ligi fis-sens illi skond l-artiklu 80 tal-Kap 452 li Jirregola l-Impjieg u r-Relazzjonijiet Industrijali f'Malta jistipula illi f'kull decizjoni tieghu t-Tribunal ghandhu jikkonsidera ukoll il-politika nazzjonali u socjali tal-Gvern ibbazati fuq principji socjali u r-rikjesti tal-pjan tal-izvilupp nazzjonali kif ukoll il-politika ekonomika tal-Gvern fl-adempjiment taghhom u l-istess decizjoni ghandha tkun li tikkumplimenta l-istess politika u pjanijiet governattivi. Fil-kaz odjern qed tigi ezaminata korporazzjoni li qed titlef il-flus bil-miljuni fi zmien ta' taqlib kbir fil-prezz tal-akkwist tal-materja prima u sia dak pagabbli mill-konsumatur. Jigu ikkunsidrati ukoll il-postijiet tax-xoghol ta dawk li jirrigwardja l-introjtu taghhom ossia inginiera tajbin u li n-numru taghhom huwa limitat fuq il-post tax-xoghol billi ghadu ma ntlahaqx il-full compliment u allura l-istess direzzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta trid tikkombacja lil dawn iz-zewg aspetti. Kulhadd ghandhu jiehu dak li haqqu nkluz zidiet. Pero gie stabbilit ukoll li ghandhu jkun hemm relattivita ma skali ohrajn kif jezistu fis-servizz civili. Kif xehed ukoll l-istess Gorg Borg, Deputy Chairman ta' l-istess Korporazzjoni t-triq ma kienitx maghluqa kompletament ghal ftehim ahhari ghall-istess rapprezentaturi ta' l-istess inginiera. Pero` dak li kien qed jigi mitlub mill-istess Union ma kienx jaghmel sens fic-cirkostanzi odjerni u dak li kienet qieghdha toffri l-Enemalta kienu jaghmlu aktar sens fic-cirkostanzi attwali.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif abbilment sottomessi u spjegati miz-zewg partijiet u konsulenti taghhom it-Tribunal huwa tal-ferma opinjoni illi kif gia gie riferit aktar il-quddiem, tenut ukoll in konsiderazzjoni stat ta' fatt u anakronizmu legali li dak li qed jigi deciz illum ghandhu jigi superat bi ftehim kollettiv billi qed japplika ghas-sena li ghalqet fil-2005, it-talbiet tal-Union ma jistghux jigu milqugha u l-proposti kif gew sottomessi mill-Enemalta ghandhom jigu accettati.

It-Tribunal jawgura obiter illi ghandhu jinstab mekkanizmu differenti min dak odjern ta' impozizzjoni sabiex verament bejn il-partijiet jigi pattwit bl-iktar mod liberu u frank il-pakkett ta' kundizzjonijiet li ghandhu jirregola relazzjonijiet industrijali bejniethom fuq il-post tax-xoghol.

| | |
|---|---|
| **Edmund Tabone** | **John Falzon** |
| **Membru** | **Membru** |

**Avv Joseph P. Bonnici**

**Chairman**